MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-8 ta' April, 2011

Talba Numru. 75/2011

**Market Intelligence Services Company Limited**
**C-6346**

**vs**

**Omar Azzopardi**
**ID-0200983(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat sabiex ihallasha s-somma kapitali ta' tmien mija hamsa u tmenin Ewro (€885.00) liema somma hija dovuta skond fattura numru *011745* datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju elfejn u ghaxra (2010) [kopja dok. "A" hawn annessa] dan kollu rapprezentanti servizzi ta' *selection and recruitment* oltre *VAT* relattiv, liema servizzi nghataw fuq rikjesta ta' l-istess konvenut.

Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra interpellatorja datata erbatax (14) ta' Jannar elfejn u hdax (2011) [kopja dok. "B" hawn annessa] flimkien ma' l-imghax bl-oghla rata skond il-ligi mid-data ta' hrug tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv, ukoll kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u hamsa u tmenin Ewro (€885.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------